# ZAMMIT
# BNIEDEM TAX-XJENZA

Sir Temi Zammit kien wieħed mill-aqwa wlied ta' l-*Alma Mater* tagħna; b'għerfu u b'ħiltu daħal fix-xirka ta' Grima, Demarco u Barth, tobba kbar li isimhom ingħaraf mad-dinja, u sebaqhom ilkoll.

Hu kien bniedem maħluq għax-xjenza, li fiha għadda tant il quddiem, u li tagħha wera dawl ġdid. Raġel dħuli, għaqli, ta' dehen kbir, u ta' sabar, kellu xeħta kbira biex igħarbel l-irqaqat tax-xjenza, inaqqi minnha dak li ma jiswiex, u jiġbor dak li hu ta' ġid għall-ħajja tal-bniedem; hu kellu dehen qawwi u safi, u bon-sens ċar u mexxej.

Il-ħidma ta' Zammit fix-xjenza ssemmiet, imxiet il quddiem u aktar għad tingħaraf, għax hi ħidma ta' siwi bla tarf għall-ħajja u għas-saħħa tal-bniedem.

Kien għadu student, wara li ħa l-*Warant* ta' Spiżjar fl-1887 meta mpjegawh l-Isptar tal-Furjana, u minn hemm, tarġa wara l-oħra, baqa' tiela' sakemm wasal fl-ogħla posti-jiet mal-Gvern : sar Kimiku analitiku fid-Dipartiment tas-Saħħa, u mbagħad laħaq Eżaminatur, Professur u Rettur ta' l-Università, ukoll Membru tal-Kunsill tal-Gvern, Kuratur u Direttur tal-Mużew.

Zammit ħa l-Lawrja ta' Tabib fl-Università tagħna fl-1889, imma wara ma waqafx minn l-istudju; hu baqa' jħabrek, u siefer biex mar ikompli jitgħallem Pariġi u Londra, fejn sar ħabib ta' bosta għorrief, li baqgħu jiktbulu sa l-aħħar. Meta raġa' lejn Malta, Sir Temi nxteħet għall-istu-dju tal-marda tad-"Deni Rqiq", u mbagħad daħħluh fil-Kummissjoni li r-*Royal Society* fl-1904 ħatret biex tist-ħarreġ fuq dak id-deni, li kien qiegħed jeqred wisq nies fost is-suldati Ingliżi u fost il-pajżani, u li ħadd ma kien għadu sablu tarfu.

Zammit, kif kien imdorri jagħmel f'kollox, inxteħet b'ħeġġa kbira għal dak ix-xogħol. Hu tkellem, staqsa, fettex, ftaqad u ra morda, studja l-marda, għarbel kollox b'reqqa kbira, u wara ħidma ta' sena, fl-14 ta' Ġunju 1905, kixef ħaġa li ssemmiet mad-dinja kollha, li għamlitu kbir, u li swiet bla tarf għas-saħħa tal-bniedem : Kixef li l-ħalib tal-mogħoż imniġġsin bil-mikrobu tad-Deni Rqiq (*Micrococcus Melitensis*)

jista' jagħti lill-bniedem dik il-marda tad-*Deni Mediterran* kif wkoll kienet magħrufa dak iż-żmien.

Malli Zammit sab hekk, inkixef kif wieħed jista' jilqa' dik il-marda, billi jgħalli l-ħalib; u b'hekk min jaf kemm eluf ta' nies ħelsu minn dik il-kiefra marda li tinsab imxerrda mad-dinja kollha.

Bħalma dejjem ġara, għall-ewwel il-għorrief ma qagħdux fuq dak li kien sab it-Tabib Malti, u allura hu kellu jipprovalhom dak li kien qal. Beda biex wera li n-nemusa *Stegomja Fasciata*, jekk tarda' d-demm minn wieħed marid bid-Deni Mediterran, u wara toqros wieħed ieħor qawwi u sħiħ u titfagħlu f'ġismu d-demm li tkun redgħet, dak li jinqaras aktarx jimrad bid-Deni Mediterran ukoll.

Il-Kapijiet tal-Militar, bis-saħħa ta' Sir David Bruce, malajr għarfu x'kien jiswa dak li sab Zammit għas-saħħa tas-suldati, u ħarġu ordni li l-ħalib li jixorbu s-suldati għandu jkun imgħolli qabel; u malli beda jsir hekk id-Deni Mediterran inqered minn fost is-suldati. Mhux li l-Maltin jibdew jagħmlu hekk ukoll!

Sir Temi qala' tifħir kbir għal dik il-ħidma tiegħu, imma hu ma meliex rasu b'dak it-tifħir u strieħ mix-xogħol li kien qabad, iżda baqa' jħabrek dejjem u kixef ħwejjeġ ġodda. Hekk fil-Kungress tat-tobba li sar Tunes fl-1920, quddiem l-aktar tobba għorrief ta' l-Ewropa, Sir Temi għarraf li jekk il-mikrobu tad-Deni Rqiq, (*Micrococcus Melitensis*) jiġi mlaqqam fuq mezz likwidu aċidu, hu jikber u joktor u jbiddel dak il-mezz f'sustanza alkalina. Hu għarraf ukoll li l-agglutinazzjoni tad-demm tal-marid bid-Deni Mediterran, tista' ssir ukoll fil-ħalib tal-mogħoż morda; u dan jissejjaħ it-*Test* (prova) jew ir-Reazjoni ta' Zammit.

Hekk id-Deni Mediterran, jew Deni ta' Malta, sabulu tarfu, u neħħew ukoll it-tebgħa li kellha Malta billi isimha kien jidher marbut ma' dak id-deni.

Madankollu Zammit qabad fergħa oħra tax-xjenza, fergħa li ma kellha x'taqsam xejn ma' l-ewwel waħda, imma li fiha wera wkoll il-għatjiet li bihom kien żejnu Alla l-imbierek.

L-Arkijoloġija Maltija kienet ilha tħabbel moħħ il-għorrief Maltin u barranin. Abela, Myer, Caruana u Ashby, kollha ħadmu ħafna; imma ried ikun Zammit, li bis-sabar, bil-għerf u bid-dehen tiegħu, bena l-Arkijoloġija tagħna fuq sisien li ma jaqgħu qatt, għax imriffdin mis-sewwa u mill-għerf.

Sir Temi studja sewwa dak li kien miktub fuq il-qedem ta' Malta, kixef qdumijiet oħra, ra b'għajnejh u mess b'idejh, u fl-aħħar irnexxielu jsensel ħaġa ma' oħra, igħaqqad kollox flimkien, u jislet sistema xjentifika ta' Arkijoloġija, li ġiet milqugħa mill-għorrief tad-dinja kollha. It-Tempji ta' Ħal-Tarxien, Ħaġar Qim, Il-Ġgantija, il-qobra u d-dwiemes ta' Malta, kienu għalih ktieb miftuħ li minn fuqu Zammit wera l-kobor u l-għożża ta' Malta minn eluf ta' snin ilu, meta kienet miżmuma bħala Gżira Mqaddsa tal-Baħar Ġewwieni.

Din il-ħidma ta' Sir Temi ġiet magħrufa mhux biss f'pajjiżu, imma xterdet mad-dinja kollha, u xogħlu ġie miżmum bħala mudell, u għalkemm dan l-aħħar ħarġu kotba fuq dak li kien sab hu bla ma jagħtuh il-ġieħ li jistħoqqlu, isem Zammit inkiteb fuq kotba, deher fuq testi għall-iskejjel u ssemma fl-aqwa Akkademji u Soċjetajiet tad-dinja. Sir Temi ġie maħtur bħala Membru ta' l-aqwa għaqdiet tal-għorrief f'Londra, Pariġi, Berlin, Ruma u bliet oħra. Slaten u Rjus kbar kienu ħbieb tiegħu; ir-Re Ġorġ tagħna għamlu Sir, u titli u onuri oħra qala' minn għand il-President ta' Franza, u minn għand Prinċpijiet, Ministri, Kapijiet u Kbarat oħra ta' bosta bnadi.

Il-mewt ta' Sir Temi Zammit kienet telfa mhux biss għal Malta, iżda wkoll għall-Imperu kollu, għax, bħal ma kien qalli, ħames snin ilu, Sir William Smith, Prinċipal tar-"*Royal Institute of Public Health*" ta' Londra *Zammit of Malta is an asset of the Empire.*

G. GALEA.